

Brussell, 9 ta' Lulju 2025
(OR. en)

11459/25

COMPET 718
IND 268
MI 523
ENT 128
CHIMIE 68
CLIMA 265
EMPL 358
ENER 365
ENV 688
FISC 165
POLCOM 157
RECH 324
SAN 451
SOC 511
UD 151

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	9 ta' Lulju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 530 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Pjan ta' Azzjoni għall-Industrija Ewropea tas-Sustanzi Kimiċi

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 530 final.

Mehmuż: COM(2025) 530 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburg, 8.7.2025
COM(2025) 530 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Pjan ta' Azzjoni għall-Industrija Ewropea tas-Sustanzi Kimiċi

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Pjan ta' Azzjoni għall-Industrija Ewropea tas-Sustanzi Kimiċi

1. INTRODUZZJONI

L-industrija tas-sustanzi kimiċi hija l-industrija tal-industriji. Bħala r-raba' l-akbar industrija tal-manifattura tal-UE, tikkontribwixxi għal aktar minn 96 % tal-oġġetti manifatturati, u dan jagħmilha pedament tar-reżiljenza u tal-kompetittività industrijali tal-UE. Is-sustanzi kimiċi huma kruċjali għal firxa wiesgħa ta' applikazzjonijiet f'setturi strateġiċi bħas-settur tad-difiża, is-settur tat-teknoloġija nadifa u s-settur diġitali. Għalhekk, l-Ewropa jeħtieġ li żżomm industrija tas-sustanzi kimiċi b'saħħitha. Fl-istess ħin, l-industrija jeħtieġ li tagħmel tranżizzjoni lejn mudell ta' ekonomija nadifa u ċirkolari, filwaqt li tħaddan l-innovazzjoni, issaħħaħ il-kompetittività globali tagħha u tiżgura l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent.

Madankollu llum, is-settur qiegħed jiffaċċja wkoll sfidi sinifikanti li jheddu l-pożizzjoni kompetittiva u r-reżiljenza tiegħu. Is-sehem tas-suq globali tiegħu naqas b'aktar minn 50 % mill-2003, b'reġjuni oħra, bħaċ-Ċina, li qegħdin jitfaċċaw bħala atturi ewlenin. Il-prezzijiet għoljin tal-enerġija u tal-materja prima, it-tensjonijiet ġeopolitiċi, u d-domanda baxxa tas-suq naqqsu l-kompetittività tal-produtturi bbażati fl-UE, u dan wassal għal tnaqqis fir-rati tal-użu tal-produzzjoni. Dawn l-aħħar sentejn raw it-tħabbira tal-għeluq ta' aktar minn 20 sit ewlieni tal-produzzjoni¹ fl-UE, inklużi fran tal-ikkrekkjar bl-istim u faċilitajiet upstream oħra użati għall-produzzjoni ta' elementi kostitwenti fundamentali tal-bini.

Dan il-Pjan ta' Azzjoni jibni fuq il-Boxxla għall-Kompetittività², il-Patt għal Industrija Nadifa³ u d-Dialogu Strateġiku mal-Industrija tas-Sustanzi Kimiċi, li sar mill-President Von der Leyen fit-12 ta' Mejju 2025. Dan jistabbilixxi miżuri konkreti li jgħinu jiżguraw il-kompetittività globali tal-industrija Ewropea tas-sustanzi kimiċi, iżommu bażi ta' produzzjoni Ewropea b'saħħitha u jtejbuha permezz ta' azzjoni f'erba' oqsma ewlenin: 1) it-tisħiħ tar-reżiljenza: iż-żamma tal-produzzjoni kritika fl-UE, il-ftuħ ta' swieq ġodda u l-protezzjoni tal-industrija tal-UE 2) l-iżgurar tal-provvista tal-enerġija, l-appoġġ għad-dekarbonizzazzjoni u l-bidla lejn ekonomija nadifa u ċirkolari; 3) il-ħolqien ta' swieq ewlenin u l-promozzjoni tal-innovazzjoni; u 4) is-simplifikazzjoni tal-qafas regolatorju.

Il-Pjan ta' Azzjoni huwa akkumpanjat minn proposta leġislattiva Omnibus dwar is-sustanzi kimiċi⁴, biex tissimplifika, pereżempju, ir-rekwiżiti tat-tikkettar, kif ukoll att

(1) Huwa stmat li dawn is-siti ewlenin jammontaw għal telf ta' bejn 10 000 u 20 000 impjeg.

(2) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Boxxla għall-Kompetittività tal-UE, COM(2025) 30 final.

(3) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Il-Patt għal Industrija Nadifa: Pjan direzzjonali konġunt għall-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni, COM(2025) 85 final.

(4) Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1272/2008, (KE) Nru 1223/2009 u (UE) 2019/1009 fir-rigward tas-simplifikazzjoni ta' ċerti rekwiżiti u proċeduri għall-prodotti kimiċi, COM(2025) 531

delegat dwar l-idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju⁵. Dan huwa kkomplementat minn proposta għar-Regolament Bażiku tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA, European Chemicals Agency)⁶, li jissimplifika aktar il-governanza tal-qafas regolatorju tas-sustanzi kimiċi.

2. IT-TISHIH TAR-REŻILJENZA

2.1. Iż-żamma tal-produzzjoni kritika fl-UE

L-UE jeħtiġilha żżomm u taġġorna l-kapaċità ewlenija tal-produzzjoni tas-sustanzi kimiċi tagħha, biex issaħħaħ il-kompetittività tagħha u tippreserva r-reżiljenza tagħha. L-elementi kostitwenti primarji, bħall-petrokimiċi, l-ammonijaka u l-kloru huma l-pedament ta' diversi ktajjen tal-valur, mill-farmaċewtiċi sal-batteriji. Madankollu, l-UE tilfet mill-inqas bejn 8 u 10 % tal-kapaċità ta' kkrekkjar tagħha matul l-aħħar 3 snin, b'għeluq potenzjali futur li jġib it-telf totali għal aktar minn 20 % tal-kapaċità tal-2021. Il-biċċa l-kbira tal-fran tal-ikkrekkjar tal-UE li fadal, ikkonċentrati fi ftit reġjuni u spiss integrati mar-raffineriji taż-żejt, huma obsoleti, jibbażaw ħafna fuq in-nafta bħala materja prima primarja, u huma inqas effiċjenti mill-kompetituri globali tagħhom⁷.

Dawn id-dgħufijiet strutturali mhumieq limitati għall-ifran tal-ikkrekkjar bl-istim. Produzzjonijiet kritiċi oħra⁸ ffaċċjaw għeluq mifruq, u dan ħoloq effetti sekondarji fuq l-ekosistema kollha tas-sustanzi kimiċi. Dan mhux biss jaffettwa setturi bħas-setturi tal-plastik, tal-polimeri, u tas-sustanzi kimiċi tal-konsumatur u dawk speċjalizzati, iżda jpoġġi wkoll sa 200 000 impjeg dirett f'riskju⁹.

Sabiex tippreserva u timmodernizza l-kapaċitajiet tal-produzzjoni u l-ktajjen tal-valur strateġiċi, tiddekarbonizza s-settur, tnaqqas id-dipendenzi¹⁰ u tattira l-ħiliet it-tajba, il-Kummissjoni se tistabbilixxi **Alleanza tas-Sustanzi Kimiċi Kritiċi**¹¹. Din l-Alleanza se taġixxi bħala qafas strateġiku li jippermetti l-kooperazzjoni mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati, sabiex ir-riskji tal-għeluq tal-kapaċità tal-produzzjoni fis-settur ikunu jistgħu jiġu mmappjati u indirizzati. L-Alleanza se tiffaċilita wkoll id-diskussjonijiet dwar l-isfidi kummerċjali ewlenin, bħad-distorsjonijiet ekwi globali, id-dipendenzi fuq il-katina tal-provvista, u l-kwistjonijiet tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali, billi tgħin lill-industrija u lill-Kummissjoni jidentifikaw żidiet potenzjalment dannużi fl-importazzjoni fi stadju bikri. Din il-ħidma se tibbaża fuq il-Perkors ta' Tranżizzjoni għall-Industrija tas-Sustanzi Kimiċi.

L-Alleanza se tgħin biex jiġu żviluppati **kriterji għall-identifikazzjoni ta' siti u molekuli tas-sustanzi kimiċi** li huma kritiċi għall-oġġettivi strateġiċi tal-UE. Dawn għandhom jirriflettu l-importanza tagħhom għas-setturi strateġiċi downstream, kif ukoll il-livell tad-

(5) IR-REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2024/1788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika metodoloġija għall-valutazzjoni tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, C 2025 (4674)

(6) Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1907/2006, (UE) Nru 528/2012, (UE) Nru 649/2012 u (UE) 2019/1021, COM 2025 (386)

(7) B'mod partikolari, il-fran tal-ikkrekkjar tal-etan li huma komuni fl-Istati Uniti u fil-Lvant Nofsani.

(8) Dawn jinkludu fost l-oħrajn l-olefini, l-aromatiċi, il-metanol, l-ammonijaka u l-kloru.

(9) Ir-rapport tal-Kunsill Ewropew għall-Industrija Kimika (CEFIC, European Chemical Industry Council): "the Competitiveness of the EU Chemical Industry".

(10) Pereżempju, fuq il-fertilizzanti

(11) f'konformità mar-regoli dwar il-kompetizzjoni u mal-impenji internazzjonali tal-UE.

dipendenzi kummerċjali tal-UE. Filwaqt li tibni fuq l-esperjenza tal-industriji strateġiċi l-oħra, bħall-materja prima jew l-emissjonijiet zero netti, din tista' tesplora wkoll fatturi ġodda ta' reżiljenza rilevanti għas-settur tas-sustanzi kimiċi, bħal siti tal-produzzjoni ta' replikazzjoni rari jew limitati li huma kritiċi għall-ktajjen tal-valur fl-Unjoni.

Abbażi ta' dawn il-kriterji, l-Alleanza se tikkontribwixxi għall-**immappjar tal-molekuli kritiċi**, bħal dawk li huma essenzjali għall-ktajjen tal-valur strateġiċi u soġġetti għad-dipendenza fuq pajjiż terz wieħed jew fuq numru żgħir ta' fornituri¹². Tali molekuli sussegwentement jibbenefikaw minn monitoraġġ imsaħħaħ skont is-Sistema ta' Sorveljanza Doganali u jistgħu jservu bħala bażi għal proposta leġiżlattiva potenzjali.

L-Alleanza se tappoġġa wkoll lill-UE u lill-Istati Membri fl-allinjament tal-prioritajiet ta' investiment u se tiggwida lill-koordinazzjoni tal-mekkaniżmi ta' appoġġ tal-UE ma' proġetti nazzjonali, inklużi Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEIs, Important Projects of Common European Interest). Żewġ IPCEIs potenzjali jistgħu jkunu ta' benefiċċju għas-settur tas-sustanzi kimiċi. L-ewwel nett, il-Forum Ewropew Konġunt għall-IPCEI (JEF-IPCEI, Joint European Forum for IPCEI) qiegħed jeżamina l-katina tal-valur tal-bijoteknoloġija biex jidentifika proġetti possibbli. It-tieni, il-Forum approva proġett dwar materjali avvanzati ċirkolari u t-tfassil tiegħu għadu għaddej. L-Istati Membri jistgħu jfasslu miżuri ta' għajjnuna biex jappoġġaw l-IPCEIs għal teknoloġiji kruċjali għat-tranżizzjoni nadifa jew proġetti infrastrutturali importanti. Jekk IPCEI jiġix implimentat jew le jiddependi mill-kapaċità fiskali tal-Istati Membri parteċipanti.

It-tielet, il-Kummissjoni se tassisti lill-Istati Membri u lir-reġjuni fid-deżinjazzjoni tas-**Siti tas-Sustanzi Kimiċi Kritiċi tal-UE**. Dawn jibnu fuq raggruppamenti u pjattaformi industrijali diġà eżistenti bħan-network Ewropew tar-Reġjuni tas-Sustanzi Kimiċi. Tali ekosistemi industrijali lokali jiżvolġu rwol kruċjali fiż-żamma ta' ktajjen tal-valur reżiljenti f'setturi bħat-teknoloġiji nodfa, l-ajrupazju, id-difiża jew is-saħħa - setturi li jirrikjedu bażi tal-produzzjoni aġli u modernizzata.

Ħafna minn dawn is-siti jirrikjedu investimenti biex jiġu modernizzati, imnaddfa mit-tniġġis u dekarbonizzati, filwaqt li tiżdied il-kompetittività. Għandu jsir disponibbli appoġġ immirat biex jiġu mmodernizzati s-siti f'riskju ta' għeluq u biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni ekoloġika tagħhom, f'konformità mar-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat fejn applikabbli.

Hemm madwar 150 park tas-sustanzi kimiċi madwar l-UE. Dawn isostnu l-attività industrijali, l-impjiegi u ċ-ċentri ta' eċċellenza u tal-innovazzjoni. Il-Kummissjoni se tgħin tissalvagwardja u tappoġġa l-iżvilupp ta' dawn l-ekosistemi permezz tal-modernizzazzjoni u tad-dekarbonizzazzjoni, bl-użu tal-finanzjament ta' koeżjoni, kemm skont il-qafas legali attwali kif ukoll b'segwitu għall-komunikazzjoni proposta dwar politika ta' koeżjoni modernizzata¹³. Se tibni fuq l-esperjenza tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta dwar id-dekarbonizzazzjoni, it-titjib tal-ħiliet/it-taħriġ mill-ġdid u l-bini tal-kapaċitajiet, il-Fond għall-Innovazzjoni u InvestEU. Bħalissa, il-Kummissjoni diġà tappoġġa d-dekarbonizzazzjoni tal-industrija tas-sustanzi kimiċi bil-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u bil-proċess ta' tranżizzjoni ġusta.

(¹²) Il-materja prima kritika hija indirizzata fis-Sistemi ta' Informazzjoni dwar il-Materja Prima (RMIS, Raw Materials Information Systems) <https://rmis.jrc.ec.europa.eu/>

(¹³) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Politika ta' Koeżjoni modernizzata: Rieżami ta' nofs it-terminu", COM(2025) 163 final, l-1 ta' April 2025

L-investimenti jistgħu jiġu appoġġati permezz tal-kokreazzjoni ta' pjanijiet reġjonali għas-Siti tas-Sustanzi Kimiċi Kritiċi tal-UE, li jlaqqgħu flimkien l-industrija, l-akkademja, l-istart-ups u l-awtoritajiet reġjonali. Dan għandu jirriżulta fi tqabbil aħjar tal-ħtiġijiet lokali mar-riżorsi, mal-infrastrutturi u mal-istrumenti disponibbli, u jippermetti lill-kumpaniji innovattivi u lill-istart-ups jiġibu soluzzjonijiet ġodda fil-modernizzazzjoni tal-proċessi kritiċi tal-produzzjoni, fl-aċċellerazzjoni tad-dekarbonizzazzjoni, tad-diġitalizzazzjoni u taċ-ċirkolarità kif ukoll fil-promozzjoni ta' sustanzi kimiċi aktar sikuri u aktar sostenibbli. Din il-bażi kollaborattiva tista' tgħin biex jittejjeb it-tlaqqiġ mal-istrumenti ta' finanzjament tal-UE. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tista' tinforma lill-Istati Membri dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament rilevanti u tnaqqas ir-riskju li proġetti promettenti jiġu injorati minħabba l-kumplessità amministrattiva jew l-appoġġ frammentat.

Din l-inizjattiva se tgħin ukoll fl-għoti ta' assistenza amministrattiva lil miżuri oħra bħat-tisħiħ tal-kollaborazzjoni bejn l-industrija u r-riċerka, il-promozzjoni tal-innovazzjoni, l-appoġġ għall-Intrapriżi Żgħira u ta' Daqs Medju (SMEs, Small and Medium-sized Enterprises) u t-titjib tal-ħiliet/it-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol lokali¹⁴.

L-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni attwali se tibbaża wkoll fuq l-Għodda għall-Koordinazzjoni tal-Kompetittività, kif ippreżentata fil-Boxxa għall-Kompetittività, biex jittaffew id-dipendenzi tas-settur fuq fatturi esterni u tiġi appoġġata t-tranżizzjoni tiegħu lejn futur aktar sostenibbli u kompetittiv.

Il-Kummissjoni se:

- Tistabbilixxi Alleanza tas-Sustanzi Kimiċi Kritiċi fil-livell tal-UE bħala struttura ta' qafas strateġiku għall-kooperazzjoni mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati biex tindirizza r-riskji tal-għeluq tal-kapaċità tal-produzzjoni fis-settur u jiġu diskussi l-isfidi kummerċjali ewlenin (ir-raba' trimestru tal-2025).

L-Alleanza se:

- Tistabbilixxi appoġġ għall-Istati Membri u għall-partijiet ikkonċernati biex jiżviluppaw kriterji ħalli jidentifikaw siti tal-produzzjoni u molekuli kritiċi fl-UE (ir-raba' trimestru tal-2025).
- Tassisti lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati fl-immappjar tal-molekuli kritiċi, li se jservu bħala bażi għal monitoraġġ imtejjeb skont is-Sistema ta' Sorveljanza Doganali, id-diversifikazzjoni tal-provvista, kif ukoll proposta leġislattiva possibbli dwar il-molekuli kritiċi (2026).
- Tassisti lill-Istati Membri u lir-Reġjuni fl-istabbiliment ta' Siti tas-Sustanzi Kimiċi Kritiċi tal-UE, biex tiffaċilita l-investimenti u l-innovazzjoni, ittejjeb l-aċċess għall-finanzjament u tassisti l-modernizzazzjoni tal-kapaċitajiet kritiċi tal-produzzjoni (2026).

⁽¹⁴⁾ Skont il-Patt għall-ħiliet, sħubija reġjonali mmexxija min-*Network Ewropew tar-Reġjuni tas-Sustanzi Kimiċi*, għandha bħala impenn primarju li tassisti lir-reġjuni biex jindirizzaw l-isfidi ppreżentati mit-tranżizzjoni tal-industrija lejn prattiki ekoloġiċi u diġitali.

2.2. Il-kummerċ internazzjonali: il-ftuħ ta' swieq ġodda u l-protezzjoni tal-industrija tal-UE

L-industrija tas-sustanzi kimiċi tal-Ewropa hija esportatur ewlieni u kontributur ewlieni għall-bilanċ kummerċjali tal-Ewropa. Fl-2023, il-valur tal-esportazzjonijiet tas-sustanzi kimiċi mill-UE, esklużi l-prodotti farmaċewtiċi u mediċinali, laħaq EUR 285 biljun, meta mqabbel ma' EUR 241 biljun f'importazzjonijiet. Is-surplus kummerċjali tagħha huwa prinċipalment attribwit għas-segmenti downstream (sustanzi kimiċi tal-konsumatur u dawk speċjalizzati), għall-polimeri u għas-sustanzi intermedji, filwaqt li d-defiċit kummerċjali tagħha fis-segmenti upstream jirrifletti d-dipendenza tal-UE fuq l-enerġija importata u fuq it-trasportaturi tal-materja prima (enerġija mill-fjuwils fossili u materja prima, materja prima b'bażi bijoloġika) użati għall-produzzjoni ta' sustanzi kimiċi oħra.

Sabiex l-industrija terġa' tikseb il-kompetittività tagħha fl-UE u fuq livell internazzjonali, l-aċċess għas-swieq barranin kemm għall-esportazzjonijiet kif ukoll għall-importazzjonijiet, flimkien ma' kundizzjonijiet ekwi msaħħa, huwa kritiku, pereżempju fil-qasam tal-protezzjoni tal-proprjetà intellettuali. Biex tikseb dan, l-UE se tieħu azzjonijiet speċifiċi għas-settur kif deskritt hawn taħt.

Il-garanzija ta' aċċess għas-swieq tal-esportazzjoni

Il-Kummissjoni se tkompli tespandi n-network tal-UE ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles biex tnaqqas l-ostakli għall-kummerċ u tevalwa l-aspetti rilevanti tal-ftehimiet kummerċjali eżistenti bil-ħsieb li tippromwovi l-kummerċ fis-sustanzi kimiċi, inkluż biex tiżgura l-aċċess għall-inputs tal-materja prima li huma essenzjali għall-industrija tas-sustanzi kimiċi.

Il-Kummissjoni se tistinka, f'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, biex tappoġġa l-industrija tas-sustanzi kimiċi permezz ta' forum oħra ta' ftehimiet, fejn bħalissa l-ftehimiet ta' kummerċ ħieles mhumieks possibbli, biex tiffaċilita l-aċċess għas-suq u tippromwovi l-kummerċ permezz ta' forum alternattivi mfassla apposta ta' kollaborazzjoni mas-sħab tagħna. Dawn għandhom imnejn jinkludu ftehimiet ta' kooperazzjoni regolatorja settorjali, li għandhom l-għan li jnaqqsu l-ostakli bla bżonn biex jissimplifikaw il-kummerċ fis-sustanzi kimiċi, kif ukoll Sħubijiet Strateġiċi dwar il-Materja Prima Kritika jew Sħubijiet għal Kummerċ u Investimenti Nodfa (CTIP, Clean Trade and Investment Partnerships), sabiex tiġi żgurata d-diversifikazzjoni tal-katina tal-provvista għall-inputs essenzjali tal-materja prima kritika.

Difiża tal-kummerċ

Meta jkun iġġustifikat, il-Kummissjoni se tkompli tagħmel użu rapidu u effiċjenti mill-istrumenti għad-difiża tal-kummerċ, bħal miżuri anti-dumping, antisussidji jew ta' salvagwardja. Dan għandu jipproteġi lill-industriji tagħna minn kompetizzjoni globali inġusta u jiżgura li s-suq tagħna ma jservix bħala destinazzjoni tal-esportazzjoni għad-devjazzjoni tat-traffiku kummerċjali u għall-kapaċità globali eċċessiva kkawżata mill-Istat.

Bejn l-1 ta' Jannar 2024 u t-30 ta' Ġunju 2025, il-Kummissjoni bdiet 18-il investigazzjoni għad-difiża tal-kummerċ dwar l-importazzjonijiet ta' sustanzi kimiċi minn pajjiżi terzi. Barra minn hekk, fit-30 ta' Ġunju 2025 kien hemm 46 miżura fis-seħħ li jikkonċernaw is-sustanzi kimiċi. Il-maġġoranza ta' dawn il-każijiet jikkonċernaw l-importazzjonijiet miċ-Ċina, x'aktarx minħabba l-akkumulazzjoni ta' kapaċitajiet żejda enormi. Filwaqt li l-industrija tal-UE kienet qiegħda tiffaċċja kostijiet li qegħdin jiżdiedu, il-produtturi Ċiniżi

naqqsu drastikament il-prezzijiet tagħhom. Dan it-tnaqqis fil-prezzijiet huwa maqtugħ għalkollox mix-xejriet globali tas-suq tal-materja prima, li jindika dumping.

Il-Kummissjoni se ssaħħa is-sett ta' għodod tal-UE għad-difiża tal-kummerċ biex tirrispondi aktar malajr u b'mod aktar effettiv għal prassi ta' prezzijiet ta' bejgħ mhux ekwi fis-settur tas-sustanzi kimiċi. Se taċċellera wkoll l-użu rapidu u effiċjenti tal-istrumenti għad-difiża tal-kummerċ, inkluż permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib mal-Alleanza għall-Industrija tas-Sustanzi Kimiċi biex jiġu identifikati prassi bħal dawn. Il-Kummissjoni se tkompli taġixxi b'mod deċiżiv kontra l-prattiki ta' evażjoni tal-miżuri anti-dumping, permezz tal-applikazzjoni ta' proċeduri kontra ċ-ċirkomvenzjoni.

Sabiex tiġi żgurata azzjoni f'waqtha bbażata fuq data akkurata, il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja mill-qrib l-importazzjonijiet ta' sustanzi kimiċi kemm taħt it-Task Force tagħha għas-Sorveljanza tal-Importazzjonijiet li għadha kif inħolqot kif ukoll permezz tas-sistema speċifika ta' monitoraġġ introdotta f'Marzu 2025 għal ċerti sustanzi kimiċi industrijali. Dan il-monitoraġġ se jiġi estiż għal aktar molekuli, b'mod partikolari għal dawk taħt il-lista ta' molekuli kritiċi, ladarba jkun hemm qbil.

Sorveljanza doganali u tas-suq

L-importazzjonijiet introdotti fis-suq tal-UE jridu jirrispettaw l-istess regoli bħall-prodotti magħmula fl-UE. Din hija kwistjoni ta' kredibbiltà, reżiljenza industrijali u protezzjoni tal-konsumatur. L-UE u l-Istati Membri tagħha se jżidu l-infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi biex jagħlqu l-lakuni li jippermettu importazzjonijiet mhux konformi, b'mod partikolari permezz ta' pjattaformi online jew intermedjarji mhux regolati, peress li dan jirriskja li jfixkel il-kompetizzjoni u jimmina l-produtturi konformi tal-UE. Il-Passaport Diġitali tal-Prodotti se jiżvolġi rwol fl-appoġġ ta' dan l-għan, billi jtejjeb it-trasparenza tul il-ktajjen tal-valur u jipprovdi informazzjoni affidabbli u komparabbli kemm dwar il-prodotti tal-UE kif ukoll dawk mhux tal-UE.

Dan jirrikjedi li jiżdiedu l-kontrolli fuq il-fruntieri, inkluż permezz ta' riforma doganali u sorveljanza aħjar tas-suq. Barra minn hekk, l-UE għandha tgħaddi għal kontrolli mmirati u bbażati fuq ir-riskju fuq is-sustanzi kimiċi, filwaqt li tibni fuq inizzjattivi bħal dawk deskritti fil-Komunikazzjoni dwar il-kummerċ elettroniku¹⁵. Dan jinkludi l-iżvilupp ta' prioritajiet ta' infurzar armonizzati, bħal kontrolli fuq sustanzi f'oġġetti, sustanzi kimiċi ristretti jew taħlitiet ittikkettati ħażin. Dawn l-isforzi se jgħinu jiżguraw li l-prodotti li jidħlu fl-UE ma jevitawx ir-regoli tas-sikurezza, iwaqqgħu l-prezzijiet tas-suq intern u jdgħajfu l-inċentivi għall-innovazzjoni. Kif deskritt fl-Istrateġija għas-Suq Uniku, il-Kummissjoni hija impenjata li tiegħu azzjoni effettiva biex iżżid il-konformità tal-prodotti billi tisfrutta s-sinerġiji mal-kapaċitajiet tal-awtoritajiet doganali u tas-sorveljanza tas-suq tal-UE u nazzjonali u potenzjalment tistabbilixxi Awtorità tas-Sorveljanza tas-Suq tal-UE¹⁶.

Sabiex issaħħa il-konformità tal-oġġetti importati mar-regoli rilevanti tal-UE, il-Kummissjoni se ssaħħa l-infurzar permezz ta' kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni mtejbja bejn l-awtoritajiet nazzjonali, l-ECHA, u l-awtoritajiet doganali. Dan se jinvolvi t-tisħiħ tal-koordinazzjoni permezz ta' Gruppi ta' Kooperazzjoni Amministrattiva (AdCos, Administrative Cooperation Groups) u t-tiġib ta' sistemi bħas-Sistema ta' Informazzjoni u Komunikazzjoni għas-Sorveljanza tas-Suq (ICSMS, Information and Communication

(¹⁵) Sett ta' għodod komprensiv tal-UE għal kummerċ elettroniku sikur u sostenibbli, COM(2025) 37 final.

(¹⁶) COM(2025) 500 final

System on Market Surveillance) u s-Sistema tat-Twissija Rapida “Safety Gate”. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tippromwovi infurzar aħjar tar-regoli eżistenti, inkluż skont ir-Regolament REACH, permezz tal-Ambjent ta’ Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana u l-artikolazzjoni futura tagħha fil-kuntest tar-Riforma tal-Unjoni Doganali u l-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE tagħha kif ukoll sistemi doganali oħra. Barra minn hekk, iċ-ċiklu li jmiss tal-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT, European Multidisciplinary Platform Against Criminal Threats) bejn l-2026 u l-2029 jippreżenta opportunità biex jissaħħaħ il-qafas kontra l-oġġetti kontrafatti, inklużi s-sustanzi kimiċi.¹⁷

Il-Kummissjoni se:

- Tkompli tikkollabora mas-sħab internazzjonali biex tiżgura l-aċċess għas-swieq globali, filwaqt li ssegwi ftehimiet ta’ kooperazzjoni settorjali fejn il-ftehimiet ta’ kummerċ ħieles ma jkunux possibbli.
- Issaħħaħ il-monitoraġġ tas-sustanzi kimiċi taħt it-Task Force għas-Sorveljanza tal-Importazzjoni inkluż għal risponsi għad-difiża tal-kummerċ biex jiġu identifikati fi stadju bikri ż-żidiet potenzjalment dannużi fl-importazzjoni (it-tielet trimestru tal-2025).
- Tappoġġa l-iżvilupp ta’ kontrolli armonizzati bbażati fuq ir-riskju għas-sustanzi kimiċi biex issaħħaħ il-konformità tal-oġġetti importati mar-regoli rilevanti tal-UE. (ir-raba’ trimestru tal-2025).
- Tikkoordina pakkett ta’ azzjonijiet ta’ infurzar u ta’ sorveljanza tas-suq, inkluż permezz tal-integrazzjoni tar-Regolament REACH permezz tal-Ambjent ta’ Tieqa Unika tal-UE għad-Dwana u l-artikolazzjoni futura tiegħu fil-kuntest tar-Riforma tal-Unjoni Doganali u l-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE tagħha, u sistemi doganali oħra, kif ukoll billi tingħata prijorità lis-sustanzi kimiċi fil-pjanijiet ta’ ħidma nazzjonali għas-sorveljanza tas-suq (ir-raba’ trimestru tal-2025).

3. L-IŻGURAR TA’ PROVVISTA TAL-ENERĠIJA AFFORDABBLI U L-APPOĠĠ GĦAD-DEKARBONIZZAZZJONI

Il-prezzijiet għoljin tal-enerġija qegħdin jimminaw b’mod sinifikanti l-kompetittività tal-kostijiet tal-produtturi tas-sustanzi kimiċi bbażati fl-UE. L-enerġija tammonta għal madwar 75 % tal-kostijiet tal-produzzjoni fis-settur tal-petrokimiċi tal-UE. Il-gass naturali jammonta għal aktar minn 70 % tal-kostijiet varjabbli tal-ammonijaka, filwaqt li l-elettriku jammonta għal aktar minn 60 % tal-kostijiet tal-produzzjoni fl-industrija. Investiment imsaħħaħ fl-interkonnessjonijiet u fil-ktajjen tal-provvista mas-sħab tal-Viċinat tan-Nofsinhar skont il-Patt il-Ġdid għall-Mediterran se jkun assi ewlieni.

L-industrija tas-sustanzi kimiċi tiddependi mill-fjuwils fossili importati mhux biss bħala sors ta’ enerġija, pereżempju biex tiġġenera s-sħana fil-proċessi tal-produzzjoni, iżda wkoll bħala inputs tal-materja prima għall-biċċa l-kbira tal-prodotti kimiċi. Din id-dipendenza doppja tagħmel lis-settur vulnerabbli b’mod uniku għall-volatilità tal-prezzijiet tal-fjuwils fossili u għat-tfixkil fil-katina tal-provvista. Filwaqt li l-industrija tas-sustanzi kimiċi tal-UE għandha tabbanduna b’mod gradwali dawn id-dipendenzi, huwa essenzjali

⁽¹⁷⁾ Ara wkoll il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni “Sett ta’ għodod komprensiv tal-UE għal kummerċ elettroniku sikur u sostenibbli”, COM(2025) 37 final, il-5 ta’ Frar 2025, p. 12.

li l-politiki ta' tranżizzjoni jqisu l-ħtiġijiet attwali tal-enerġija u tal-materja prima tas-settur biex jiġu żgurati r-reżiljenza, id-dekarbonizzazzjoni u l-kompetittività.

3.1. L-iżgurar ta' provvista tal-enerġija affordabbli

Il-Pjan ta' Azzjoni għal Enerġija Affordabbli¹⁸ adottat fi Frar 2025, għandu l-għan li jipprovdri prezzijiet aktar baxxi lill-konsumaturi Ewropej tal-enerġija, inkluża l-industrija tas-sustanzi kimiċi. Il-Kummissjoni se tkompli taggrega wkoll id-domanda għall-gass għall-kumpaniji tal-UE biex tnaqqas il-kostijiet ġenerali tal-enerġija.

Il-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat¹⁹ għall-kumpens tal-kostijiet indiretti tas-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS, Emission Trading System) jippermettu lill-Istati Membri jikkompensaw ċerti setturi intensivi fl-enerġija (inklużi setturi ta' sustanzi kimiċi jew prodotti kimiċi magħżula, bħal prodotti tal-petrolium raffinati, ċerti sustanzi kimiċi bażiċi inorganiċi, xi gassijiet industrijali jew polietilen) għaż-żieda fil-prezzijiet tal-elettriku, ikkawżata mill-applikazzjoni tal-EU ETS. Il-qafas attwali għall-għajnuna mill-Istat ma jinkludix xi setturi tas-sustanzi kimiċi. Madankollu, peress li s-suppożizzjonijiet tal-prezzijiet li saru dak iż-żmien ma għadhomx jirriflettu l-kundizzjonijiet attwali tas-suq, bil-prezzijiet li issa qegħdin jaffettwaw ukoll setturi bħas-sustanzi kimiċi jew il-fertilizzanti organiċi, sa tmiem is-sena l-Kummissjoni se taġġorna l-linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat tal-ETS bil-ħsieb li tinkludi, fost affarijiet oħra, setturi tas-sustanzi kimiċi addizzjonali.

B'mod parallel, il-Qafas għall-Għajnuna mill-Istat tal-Patt għal Industrija Nadifa²⁰ (CISAF, Framework for State Aid measures to support the Clean Industrial Deal), jippermetti lill-Istati Membri jagħtu eżenzjoni temporanja fuq il-kostijiet tal-elettriku għall-industrija intensivi fl-enerġija u esposti għall-kummerċ, bi prezz minimu ta' EUR 50/MWh, bil-kundizzjoni li jinvestu mill-ġdid fid-dekarbonizzazzjoni. Il-qafas jippermetti wkoll appoġġ permezz ta' għajnuna mill-Istat għall-varar ta' firxa wiesgħa ta' teknoloġiji għad-dekarbonizzazzjoni bħall-elettrifikazzjoni, l-idroġenu, il-bijomassa, il-qbid, l-użu u l-ħżin tal-karbonju kif ukoll it-tnaqqis tar-riskji tal-investimenti fil-proġetti ta' enerġija nadifa jew ta' dekarbonizzazzjoni. B'mod ġenerali, dawn il-miżuri se jgħinu biex jitwasslu investimenti fid-dekarbonizzazzjoni biex itaffu l-pressjonijiet attwali tal-kostijiet tal-enerġija u jappoġġaw il-produzzjoni kontinwa ta' sustanzi kimiċi fl-UE.

Ħruġ tal-permessi aktar rapidu

L-industrija tas-sustanzi kimiċi spiss tirrikjedi l-istabbiliment ta' installazzjonijiet ġodda jew il-modifika retroattiva u l-modernizzazzjoni tal-infrastruttura eżistenti. Dan jirrikjedi permessi ġodda.

L-UE diġà stabbiliet leġiżlazzjoni biex taċċellera u tissimplifika l-proċess għall-ħruġ tal-permessi għal xi installazzjonijiet industrijali, permezz tal-Att dwar l-Industrija

(18) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Pjan ta' Azzjoni għal Enerġija Affordabbli Nisfruttaw il-valur reali tal-Unjoni tal-Enerġija tagħna biex niżguraw enerġija affordabbli, effiċjenti u nadifa għall-Ewropej kollha, COM(2025)79 final.

(19) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Linji Gwida dwar ċerti miżuri ta' għajnuna mill-Istat fil-kuntest tas-sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra għal wara l-2021, C(2020) 6400 final.

(20) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni - Qafas għall-miżuri ta' Għajnuna mill-Istat biex jappoġġaw il-Patt għal Industrija Nadifa (Qafas tal-Għajnuna mill-Istat għall-Patt għal Industrija Nadifa), C(2025) 7600

b'Emissjonijiet Żero Netti²¹ u r-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali²². Id-Direttiva riveduta dwar l-Emissjonijiet Industrijali²³ tistabbilixxi Ċentru tal-Innovazzjoni għat-Trasformazzjoni u l-Emissjonijiet Industrijali (INCITE, Innovation Centre on Industrial Transformation and Emissions) ġdid. INCITE se jidentifika u jevalwa tekniki innovattivi biex juri l-potenzjal tagħhom u jippromwovi l-adozzjoni tagħhom fuq skala akbar. L-aktar tekniki innovattivi effettivi u vijabbli se jiġu inklużi fil-konklużjonijiet dwar l-aqwa tekniki disponibbli.

Fil-pakkett dwar il-Prontezza tad-Difiża, il-Kummissjoni pproponiet reġim rapidu għall-ħruġ tal-permessi għall-prontezza tad-difiża biex tippermetti espansjoni rapida tal-kapaċità industrijali b'rispons għall-ħtiġijiet urġenti tas-sigurtà. Filwaqt li tibni fuq l-esperjenza tal-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti, aktar tard din is-sena l-Kummissjoni se tipproponi Att għall-Aċċellerazzjoni tad-Dekarbonizzazzjoni Industrijali, b'miżuri konkreti biex jiġu indirizzati l-ostakli għall-ħruġ tal-permessi relatati mad-dekarbonizzazzjoni tal-industriji intensivi fl-enerġija. L-isfidi għall-ħruġ tal-permessi relatati mal-valutazzjonijiet ambjentali se jiġu indirizzati fl-omnibus ambjentali fir-raba' trimestru tal-2025.

Sabiex tiġi aċċellerata t-tnedija ta' proġetti ta' elettrifikazzjoni, huwa essenzjali li jiġi aċċellerat l-aċċess għall-grilja fil-każ tal-installazzjonijiet kimiċi, filwaqt li jiġi żgurat li dawn ikunu jistgħu jiksbu enerġija nadifa malajr biex jittrasformaw il-proċessi tal-produzzjoni tagħhom. Bħala parti minn Pakkett dwar il-Grilja Ewropej, fl-2025 il-Kummissjoni se tipproponi miżuri biex taċċellera l-aċċess għall-grilji, għall-ħżin u għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli.

Idroġenu

Minbarra l-użu tiegħu għall-ġenerazzjoni tal-elettriku, l-idroġenu huwa neċessarju għal trasformazzjoni kosteffettiva tal-industrija tas-sustanzi kimiċi tal-UE. Bħala produttur u konsumatur tal-idroġenu, is-settur tas-sustanzi kimiċi jinsab f'pożizzjoni tajba biex jappoġġa l-iżvilupp tal-ekonomiji tal-idroġenu fl-UE. L-idroġenu se jkun kruċjali għad-dekarbonizzazzjoni ta' diversi prodotti kimiċi, pereżempju permezz tal-produzzjoni ta' fertilizzanti tan-nitroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.

Il-Kummissjoni se tappoġġa l-adozzjoni tal-idroġenu rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u l-iżvilupp ta' infrastruttura relatata. Il-Kummissjoni nediet ukoll studju biex tivvaluta l-effettività tal-qafas tal-idroġenu biex tidentifika l-ostakli possibbli għall-espansjoni tal-idroġenu rinnovabbli u tivvaluta l-ħtieġa ta' aġġustament tal-qafas regulatorju tiegħu.

Barra minn hekk, dalwaqt se titnieda t-tielet sejħa taħt il-Bank tal-Idroġenu biex tiġi appoġġata l-produzzjoni tal-idroġenu fl-Ewropa. Fl-istess jum ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni, il-Kummissjoni adottat ukoll att delegat dwar l-idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju biex tipprovdi ċertezza lill-investituri u jippromwovi l-adozzjoni ta' dawn it-teknoloġiji. Il-produzzjoni u t-twassil tal-idroġenu huma wkoll wieħed mill-oġettivi

(²¹) Ir-Regolament (UE) 2024/1735 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti, ĠU L, 2024/1735, 28.6.2024.

(²²) Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali u l-emissjonijiet mit-trobbija tal-bhejjem (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis).

(²³) Kif emendata bid-Direttiva (UE) 2024/1785

ewlenin tal-Inizjattiva ta' Kooperazzjoni Trans-Mediterranja dwar l-Enerġija u t-Teknoloġija Nadifa li jmiss.

Minbarra forom oħra ta' appoġġ, ir-regoli għall-allokazzjoni bla ħlas tal-EU ETS ġew aġġornati biex tiġi żgurata n-newtralità teknoloġika fil-miżuri ta' protezzjoni tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Għalhekk, il-produzzjoni tal-idroġenu permezz tal-elettroliżi saret eliġibbli biex tirċievi kwoti tal-emissjonijiet bla ħlas tal-EU ETS fil-livell tal-parametru referenzjarju stabbilit mit-teknoloġiji tradizzjonali.

Il-Kummissjoni se:

- Tagħgħorna l-linji gwida dwar l-ġhajjnuna mill-Istat għall-kumpens tal-kostijiet indiretti tal-ETS, bil-ħsieb li jiġu inklużi sustanzi kimiċi addizzjonali (ir-raba' trimestru tal-2025).
- Tipproponi li jiġu indirizzati l-isfidi relatati mal-permessi ambjentali inkluż għal proġetti ta' dekarbonizzazzjoni taħt l-omnibus ambjentali (ir-raba' trimestru tal-2025).
- Tipproponi li jiġu mħaffa u ssimplifikati aspetti oħra tal-ħruġ tal-permessi (inkluża d-diġitalizzazzjoni) għall-proġetti ta' dekarbonizzazzjoni skont l-Att għall-Aċċellerazzjoni tad-Dekarbonizzazzjoni Industrijali (ir-raba' trimestru tal-2025).
- Tipproponi li jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-grilja għal proġetti ta' elettrifikazzjoni tal-industriji intensivi fl-enerġija (ir-raba' trimestru tal-2025)

3.2. L-appoġġ għad-dekarbonizzazzjoni u l-bidla lejn ekonomija ċirkolari

L-ilħuq tal-ambizzjonijiet ta' emissjonijiet zero netti u l-bidla lejn mudell ta' ekonomija ċirkolari jirrikjedu investimenti. Fl-istess ħin, il-bidla lejn sustanzi kimiċi aktar sikuri u aktar sostenibbli toffri opportunitajiet sinifikanti lill-industrija tas-sustanzi kimiċi u lill-utenti downstream tal-UE.

Bħala wieħed mis-setturi l-aktar diffiċli sabiex jitrażżnu, l-industrija tas-sustanzi kimiċi tirrikjedi approċċ teknoloġikament newtrali, gradwali u tranżizzjonali għad-dekarbonizzazzjoni. B'mod partikolari, is-soluzzjonijiet tranżizzjonali, bħall-fran tal-ikkrekkjar tal-etan, se jkunu importanti fil-proċess tat-trasformazzjoni tas-settur.

Barra minn hekk, biex jinkisbu emissjonijiet zero netti u jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi se jkun meħtieġ li jiġu abbandunati b'mod progressiv kemm l-enerġija fossili kif ukoll il-materja prima fossili verġni, meta jkun teknikament u ekonomikament fattibbli. Sorsi alternattivi ta' karbonju nadif bħall-bijomassa, l-iskart riċiklat u l-karbonju mill-qbid u l-użu tal-karbonju (CCU, Carbon Capture Utilisation) huma essenzjali għal dan. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni se tfassal inċentivi biex tibni argument għall-vijabbiltà fattibbli għat-tranżizzjoni nadifa tal-industrija tas-sustanzi kimiċi tal-UE.

Appoġġ finanzjarju tal-UE

Il-baġit tal-UE jappoġġa proġetti ta' innovazzjoni u dekarbonizzazzjoni matul l-istadji tal-innovazzjoni differenti.

Il-programm ta' ħidma 2026-2027 ta' Orizzont Ewropa se jappoġġa t-tranżizzjoni lejn id-dekarbonizzazzjoni industrijali fl-istadji bikrija tal-innovazzjoni b'madwar EUR 370 miljun. Barra minn hekk, kif imħabbar fil-Patt għal Industrija Nadifa, il-Kummissjoni se tniedi sejħa ewlenija ta' Orizzont Ewropa ta' EUR 600 miljun taħt il-programm ta' ħidma 2026-2027 biex tappoġġa proġetti adatti għat-tnedija. Din is-sejħa se tkun qiegħda

tikkomplementa l-isforzi ta' riċerka u innovazzjoni li qegħdin isiru bħalissa ffinanzjati taħt Orizzont Ewropa u se jkollha l-għan li trawwem sinerġiji bejn il-Programm Qafas għar-riċerka u l-investment u l-Fond għall-Innovazzjoni, u b'hekk toħloq sensiela ta' proġetti mir-riċerka u l-investment sat-tnedija. Is-sejħa se tkun immirata lejn l-industriji kollha intensivi fl-enerġija, inkluża l-industrija tas-sustanzi kimiċi.

Il-Fond għall-Innovazzjoni, stabbilit mill-EU ETS, jipprovdi inċentivi għall-investment fid-dekarbonizzazzjoni industrijali. Fil-kuntest tar-rieżami tal-ETS fl-2026, il-Kummissjoni se tqis l-ispeċifitajiet tal-industriji intensivi fl-enerġija u se tipproponi li tkompli ssaħħaħ dan is-sett ta' għodod b'Bank għad-Dekarbonizzazzjoni Industrijali, bl-għan li tipprovdi sa EUR 100 biljun ta' finanzjament għad-dekarbonizzazzjoni industrijali. Fl-2025, se jitnieda proġett pilota għal Bank għad-Dekarbonizzazzjoni Industrijali ġdid b'irkant ta' EUR 1 biljun għad-dekarbonizzazzjoni ta' proċessi industrijali ewlenin, b'mod partikolari s-sħana, li anke fis-settur tas-sustanzi kimiċi hija waħda mill-akbar sorsi ta' domanda għall-enerġija u emissjonijiet ta' gassijiet serra²⁴.

Il-Fond InvestEU jimmobilizza l-investment pubbliku u privat għall-innovazzjoni u għat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, inkluż fl-appoġġ ta' start-ups u scale-ups fit-teknoloġiji nodfa. Emenda għar-Regolament InvestEU, li bħalissa qiegħda tiġi diskussa mill-koleġiżlaturi, ipproponiet li jżied id-daqs tal-Fond InvestEU u l-offerta tiegħu lis-suq (b'mod partikolari garanziji, dejn ta' riskju u prodotti finanzjarji ta' ekwità) billi jiġu mobilizzati EUR 50 biljun addizzjonali ta' investment biex jiġu appoġġati wkoll l-oġettivi tal-Patt għal Industrija Nadifa u l-inizjattivi implimentati mill-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment, bħal TechEU. Il-Fond InvestEU rivedut se jkun jista' jipprovdi appoġġ għal investimenti li jkun ta' benefiċċju għall-industriji intensivi fl-enerġija, pereżempju, permezz ta' appoġġ għat-tagħmir tal-grilja elettrika, il-garanziji ta' teknoloġija nadifa u l-Ftehimiet korporattivi dwar ix-Xiri tal-Enerġija għall-enerġija rinnovabbli.

Il-Fond għall-Kompetittività futur se jappoġġa l-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni. Tista' tiġi stabbilita wkoll inizjattiva pubblika-privata ddedikata biex tippromwovi l-investimenti għall-modernizzazzjoni tas-settur tas-sustanzi kimiċi. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-pakkett tal-proposta tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss.

Bijoeconomija u bijomassa

Il-materja prima b'bażi bijoloġika tista' toffri alternattivi sinifikattivi għall-materjal tal-karbonju fossili²⁵. Jekk tiġi ddisinjata b'mod korrett, bl-użu ta' materjali b'bażi bijoloġika miksba lokalment u b'mod sostenibbli, tista' tnaqqas id-dipendenzi fuq il-ktajjen ta' valur mondjali (bħas-sostituzzjoni tal-gass fossili bil-bijogass u bil-bijomassa) u l-emissjonijiet ta' gassijiet serra.

L-użu ta' alternattivi b'bażi bijoloġika jippermetti l-produzzjoni ta' sustanzi kimiċi aktar sikuri u aktar sostenibbli. Pereżempju, il-fermentazzjoni bil-mikrobi tuża mikroorganiżmi biex tikkonverti z-zokkor u l-materjali fuq bażi veġetali f'sustanzi kimiċi ta' valur, u b'hekk tnaqqas il-ħtieġa ta' proċessi bbażati fuq il-petroleum. L-enzimi fil-proċessi enzimatiċi qegħdin jintużaw dejjem aktar fil-produzzjoni tas-sustanzi kimiċi b'bażi

(²⁴) [cfde57b3-d80f-43e1-9ee4-cd96c42c6ca8_en](#)

(²⁵) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Nibnu l-futur bin-natura: It-tisħiħ tal-Bijoteknoloġija u l-Bijomanifattura fl-UE, COM(2024)137 final.

bijoloġika bħala katalizzaturi li jiffaċilitaw reazzjonijiet aktar sostenibbli. Dawn il-proċessi spiss jirrikjedu inqas enerġija u jiġġeneraw inqas prodotti sekondarji dannużi mill-metodi tradizzjonali.

L-avvanzi teknoloġiċi jippermettu lill-kumpaniji jikkonvertu l-materjali tal-iskart u jivvalorizzaw l-iskart, bħar-residwi agrikoli u l-iskart tal-ikel, f'sustanzi kimiċi u bijofertilizzanti ta' valur. Dan inaqqas il-ħtieġa ta' materja prima verġni u jivvalorizza l-iskart. Barra minn hekk, hemm potenzjal li tiġi sfruttata l-kapaċità tal-produzzjoni attwali biex jintużaw materja prima alternattiva u materjali b'bażi bijoloġika. Fl-istess ħin, iridu jiġu żgurati l-protezzjoni tal-bijodiversità u s-sigurtà tal-ikel.

L-Istrateġija dwar il-Bijoeconomija li jmiss (ir-raba' trimestru tal-2025) se jkollha l-għan li ttejjeb l-effiċjenza fir-riżorsi u tisfrutta l-potenzjal ta' tkabbir sinifikanti tal-materjali b'bażi bijoloġika li jissostitwixxu l-materjali bbażati fuq il-fossili, u l-industriji relatati. Dan jista' jnaqqas ukoll aktar id-dipendenzi fuq il-materja prima importata għall-industrija tas-sustanzi kimiċi tal-UE. L-istrateġija se tiddefinixxi viżjoni u direzzjonijiet biex tiżdied il-manifattura ta' materjali sostenibbli b'bażi bijoloġika, jiġu żviluppati bijoteknoloġiji, jiġu promossi l-innovazzjoni u l-investimenti f'applikazzjonijiet ta' valur għoli, inkluż għas-sustanzi kimiċi. Barra minn hekk, se tesplora kif għandu jiġi żgurat l-aċċess tal-industrija kimika għall-bijomaterjal għal użi ta' valur miżjud bħas-sustanzi kimiċi bijoloġiċi.

Il-Kummissjoni diġà enfasizzat²⁶ il-potenzjal tal-bijomassa sostenibbli bħala materja prima alternattiva²⁷, bl-għażla ta' tikkettar volontarju ta' prodotti b'bażi bijoloġika biex jinħolqu swieq ewlenin. Se tesplora aktar għażliet biex tinċentiva l-użu tal-bijomassa sostenibbli bħala materja prima.

Appoġġ għaċ-ċirkolarità

Ir-riċiklaġġ tas-sustanzi kimiċi jista' jiżvolġi rwol importanti fit-tnaqqis tad-dipendenza tal-UE fuq riżorsi verġni u bbażati fuq il-fossili għall-produzzjoni tal-plastik u fil-valorizzazzjoni tal-prodotti li jkunu waslu fi tmiem ħajjithom. Pereżempju, l-iskart tal-plastik li huwa diffiċli biex jiġi rriċiklat li mhuwiex adattat għar-riċiklaġġ mekkaniku jew fejn jeħtieġ li jintlaħqu rekwiżiti speċifiċi tal-kwalità jista' jibbenefika b'mod partikolari mir-riċiklaġġ kimiku. Dan jikkontribwixxi għall-miri tal-UE għar-riċiklaġġ tal-iskart tal-plastik u għaż-żieda tal-kontenut riċiklat fil-plastik.

Sabiex tippromwovi t-tnedija effettiva tar-riċiklaġġ kimiku, il-Kummissjoni qiegħda tniedi l-konsultazzjoni pubblika dwar att ta' implimentazzjoni skont id-Direttiva dwar il-Plastik li Jintuża Darba Biss²⁸ biex tistabbilixxi qafas ċar, ibbażat fuq ix-xjenza u teknoloġikament newtrali dwar l-allokazzjoni tal-bilanċ tal-massa biex jitqies il-kontenut tar-riċiklaġġ mir-riċiklaġġ kimiku, li jippermetti l-ħolqien ta' suq ewlieni għas-settur kimiku biex isir aktar

(²⁶) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Nibnu l-futur bin-natura: It-tisħiħ tal-Bijoteknoloġija u l-Bijomanifattura fl-UE, COM(2024)137 final.

(²⁷) Ara wkoll il-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel, adottata fi Frar 2025, li stabbiliet perspettivi għall-espansjoni tal-bijoeconomija, għall-valorizzazzjoni tal-prodotti sekondarji u tal-iskart, għall-aċċellerazzjoni tal-aċċess għas-suq għall-bijopestiċidi u għall-appoġġ tal-adozzjoni ta' fertilizzanti b'livell baxx ta' karbonju minn nutrijenti riċiklati u d-diġestat mill-bijogass.

(²⁸) Id-Direttiva (UE) 2019/904 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar it-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent, ĠU L 155, 12.6.2019, p. 1.

ċirkolari. Att ta' implimentazzjoni huwa skedat għall-adozzjoni fir-raba' trimestru tal-2025.

Il-proposta għal Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari se tindirizza kemm in-naħa tal-provvista kif ukoll dik tad-domanda billi toħloq suq uniku għall-iskart u tagħti spinta lill-użu ta' materjali riċiklati u sekondarji. Dan jippreżenta opportunità sinifikanti għall-industrija tas-sustanzi kimiċi, li tiżvolġi rwol ċentrali biex tippermetti soluzzjonijiet ċirkolari tul il-ktajjen tal-valur.

Qbid, Użu u Ħżin tal-Karbonju (CCUS, Carbon Capture, Utilisation and Storage)

Is-CCUS hija teknoloġija fundamentali b'emissjonijiet żero netti biex tnaqqas id-dipendenzi fuq il-fjuwils fossili u tikkontribwixxi għar-reżiljenza tal-industriji Ewropej, b'mod partikolari dawk li huma aktar diffiċli biex jiġu elettrifikati u mraġżna, bħas-sustanzi kimiċi, kif deskritt fil-Komunikazzjoni dwar il-Ġestjoni Industrijali tal-Karbonju tal-2024²⁹. Il-Qbid u l-Użu tal-Karbonju (CCU, Carbon Capture and Utilisation) jista' jtejjeb ukoll is-simbjożi industrijali, billi jgħaqqad is-sorsi tal-emissjonijiet industrijali mal-akkwirenti tul il-ktajjen tal-valur lokali.

Dan jirrikjedi approċċ strutturat għall-ippjanar tal-infrastruttura, li jkopri kemm in-naħa tad-domanda kif ukoll dik tal-provvista tan-networks tal-qbid tas-CO₂ u tal-idroġenu. Bħala l-ewwel pass, l-Att Delegat skont l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti, li se jidħol fis-seħħ dalwaqt, jiddeskrivi l-obbligi tal-produtturi tal-gass u taż-żejt tal-UE biex jilhqnu l-mira tal-ħżin tas-CO₂ tal-UE għall-2030. Barra minn hekk, il-Kummissjoni beħsiebha tfassal reġim leġiżlattiv iddedikat biex tiżgura l-iżvilupp progressiv ta' suq tal-UE għas-CO₂ u għall-infrastruttura tas-CO₂, u b'hekk toħloq il-fiduċja u l-prevedibbiltà fit-tul biex il-katina tal-valur tkun tista' tibda taħdem.

L-adozzjoni b'suċċess tas-CCU tirrikjedi wkoll qafas regolatorju ta' appoġġ. Ir-regoli attwali tal-ETS ma jirrikonoxxux is-CO₂ maqbud fi prodotti mhux permanenti, bħal dawk prodotti mill-industrija tas-sustanzi kimiċi.

Bħala parti mir-rieżami tal-ETS tal-2026, il-Kummissjoni se tivvaluta kemm il-fattibbiltà tal-inklużjoni tal-immaniġġjar tal-iskart³⁰ fl-EU ETS kif ukoll, f'dan il-kuntest, kif l-aħjar li jiġi ppremjat is-CO₂ maqbud fi prodotti mhux permanenti. Barra minn hekk, se tivvaluta l-każ tal-assorbimenti permanenti tal-karbonju biex tikkumpensa għall-emissjonijiet residwi minn setturi diffiċli sabiex jitrażżnu.

Il-Kummissjoni se:

- Tadotta Strateġija ġdida dwar il-Bijoeconomija biex tiddefinixxi viżjoni u direzzjonijiet biex tiżdied il-manifattura ta' materjali sostenibbli b'bażi bijoloġika, jiġu żviluppati bijoteknoloġiji, jiġu promossi l-innovazzjoni u l-investimenti f'applikazzjonijiet ta' valur għoli, inkluż għas-sustanzi kimiċi (ir-raba' trimestru tal-2025).
- Tipproponi Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari biex jinfetħu s-swieq tal-materja prima sekondarja u tiġi xprunata ċ-ċirkolarità fis-sustanzi kimiċi (2026).

(²⁹) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Lejn Ġestjoni Industrijali tal-Karbonju ambizzjuża għall-UE, COM(2024)62 final.

(³⁰) L-inċinerazzjoni tal-iskart u proċessi ta' mmaniġġjar tal-iskart oħra, bħal b'mod partikolari r-rimi f'landfills, li joħloq emissjonijiet tal-metan u tal-ossidu nitruż.

- Tappoġġa t-tnedija sikura u effettiva tar-riċiklaġġ kimiku skont id-Direttiva dwar il-Plastik li Jintuża Darba Biss: il-konsultazzjoni pubblika se titnieda fit-tielet trimestru tal-2025 u se jiġi adottat att ta' implimentazzjoni skont id-Direttiva dwar il-Plastik li Jintuża Darba Biss fir-rigward tar-riċiklaġġ kimiku (ir-raba' trimestru tal-2025).
- Tivvaluta l-fattibbiltà għall-kontabbiltà tal-emissjonijiet minn prodotti tas-CCU mhux permanenti downstream bħala parti mir-rieżami tal-ETS (it-tieni u t-tielet trimestru tal-2026).
- Tiżviluppa inċentivi finanzjarji biex tippromwovi l-adozzjoni tal-karbonju mhux fossili kif ukoll tal-idroġenu rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.
- Ittejjeb il-qafas regolatorju għas-CCUS, inkluż billi tipproponi qafas regolatorju għall-iżvilupp ta' swieq u infrastruttura tas-CO2 tal-UE.

4. SWIEQ EWLENIN U INNOVAZZJONI

4.1. Swieq ewlenin u tassazzjoni ekoloġika

L-investimenti f'materja prima mhux fossili u f'teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju spiss ikunu limitati min-nuqqas ta' akkwirenti, u dan jagħmilha diffiċli għall-kumpaniji ewlenin biex jiksibu l-“primjum ekoloġiku” u jikkapitalizzaw fuq l-investimenti. Għalhekk, skont il-loġika tar-riforma li jmiss tal-akkwist pubbliku, l-Att għall-Aċċellerazzjoni tad-Dekarbonizzazzjoni Industrijali se jintroduċi rekwiżiti tal-kontenut tal-UE, f'konformità mal-impenji legali internazzjonali tal-Unjoni, kif ukoll kriterji ta' reżiljenza u sostenibbiltà bl-oġettiv li titrawwem u tiġi ssalvagwardjata l-provvista Ewropea nadifa ta' prodotti intensivi fl-enerġija u d-domanda Ewropea għall-industriji downstream.

It-tassazzjoni tista' tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju **għall-industrija tas-sustanzi kimiċi tal-UE**. Sabiex tappoġġa dan l-oġettiv, il-Kummissjoni ressqet ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Inċentivi tat-Taxxa biex tappoġġa l-Patt għal Industrija Nadifa. Din l-inizjattiva tipprovdi sinjal ta' politika lin-negozji, fejn thegħġghom jaċċelleraw it-tranżizzjoni tagħhom lejn teknoloġija nadifa, id-dekarbonizzazzjoni industrijali u t-tkabbir sostenibbli. Tirrakkomanda l-għoti ta' krediti tat-taxxa lill-manifatturi tat-teknoloġija nadifa kif ukoll deprezzament aċċellerat għall-industriji peżanti bħas-settur tas-sustanzi kimiċi meta jinvestu f'taġġmir ta' teknoloġija nadifa.

Il-Kummissjoni se:

- Tintroduċi rekwiżiti tal-kontenut tal-UE kif ukoll kriterji ta' reżiljenza u sostenibbiltà biex tippromwovi swieq ewlenin għal setturi speċifiċi skont l-Att għall-Aċċellerazzjoni tad-Dekarbonizzazzjoni Industrijali (ir-raba' trimestru tal-2025).

4.2. Innovazzjoni

L-innovazzjoni hija kruċjali biex l-industrija tas-sustanzi kimiċi tibqa' kompetittiva. Hija fundamentali għall-iżvilupp ta' teknoloġiji ta' produzzjoni rivoluzzjonarji, pereżempju dawk ibbażati fuq kimika ekoloġika, bħall-fotokimika, l-elettrokimika, u l-iżvilupp ta' prodotti ġodda inklużi materjali avvanzati. L-innovazzjoni hija ta' benefiċċju wkoll għall-utenti downstream u għall-konsumaturi billi tipprovdi alternattivi aktar sikuri u aktar sostenibbli.

L-UE tipprovdi appoġġ sinifikanti għall-innovazzjoni fi stadju bikri fl-industrija tas-sustanzi kimiċi, mill-iżvilupp ta' kunċetti ġodda għal sa proġetti pilota, skont Orizzont Ewropa, b'mod partikolari fi ħdan sħubijiet Ewropej, bħall-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika³¹ (CBE JU, Circular Bio-Based Europe Joint Undertaking), Proċess4Planet³² u Materjali Innovattivi għall-UE (IAM4EU, Innovative Advanced Materials for Europe)³³.

Madankollu, l-espansjoni tal-applikazzjonijiet innovattivi għat-tnedija industrijali għadha sfida sinifikanti. Dan huwa stadju sensittiv fil-proċess tal-innovazzjoni, peress li jinvolvi livelli għoljin ta' investimenti u inċertezza konsiderevoli, kemm f'termini ta' prestazzjoni teknoloġika kif ukoll ta' adozzjoni futura mis-suq.

Il-Kummissjoni se toħloq Hub(s) tal-UE għall-Innovazzjoni u s-Sostituzzjoni biex tegħleb l-ostakli għall-innovazzjoni, taċċellera l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet aktar sikuri u aktar sostenibbli u se tesplora approċċi kollaborattivi għas-sostituzzjoni ta' sustanzi kimiċi mmirati. Dawn il-hubs, ispirati mill-mudell INCITE, se jgħinu lill-kumpaniji, speċjalment lill-SMEs, fl-analiżi tal-prospettivi, fl-identifikazzjoni u fl-evalwazzjoni ta' alternattivi, fit-trawwim ta' sħubijiet u fil-kondiviżjoni tal-għarfien. Is-sustanzi kimiċi **Sikuri u Sostenibbli mid-Disinn** (SSbD, Safe and Sustainable by Design) se jiġu inkorporati fil-Hubs ta' Innovazzjoni, u jipprovdu gwida teknika mill-innovazzjoni fi stadju bikri. Il-qafas tal-SSbD se jippromwovi l-kollaborazzjoni bejn id-disinjaturi tal-prodotti, il-kumpaniji tas-sustanzi kimiċi, ix-xjenzati u l-organizzazzjonijiet ta' riċerka. Il-Kummissjoni se tiffaċilita l-aċċess għall-infrastruttura diġitali u fiżika neċessarja biex jiġu żviluppati, ittestjati u miżjuda l-innovazzjonijiet tal-SSbD.

Dawn il-Hubs se jesploraw ukoll approċċi kollaborattivi lejn is-sostituzzjoni ta' sustanzi kimiċi mmirati u jistgħu jospitaw Network tal-UE ta' Ċentri ta' Sostituzzjoni biex jiġi pprovdut appoġġ tekniku, xjentifiku u finanzjarju mfassal apposta lill-kumpaniji, speċjalment lill-SMEs, li jfittxu li jissostitwixxu sustanzi perikolużi b'alternattivi aktar sikuri.

Ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni riveduta dwar il-qafas għas-sustanzi kimiċi tal-SSbD (2025) se ssaħħaħ il-kompetittività tal-industrija tas-sustanzi kimiċi tal-UE billi tagħmel il-proċess ta' innovazzjoni lejn alternattivi aktar sikuri u aktar sostenibbli iżjed effiċjenti. Il-programmi ta' Orizzont Ewropa 2025-2027 se jipprovdu madwar EUR 120 miljun biex jappoġġaw l-iżvilupp, u l-aċċellerazzjoni tal-iskoperta, megħjuna aktar mill-IA u mid-diġitalizzazzjoni, ta' alternattivi għal sustanzi ta' tħassib.

⁽³¹⁾ L-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika (CBE JU) hija sħubija pubblika-privata ta' EUR 2 biljuni bejn l-UE u l-Konsorzju tal-Industrija b'Bażi Bijoloġika (BIC, Bio-based Industries Consortium). Tiffinanzja proġetti biex tavvanza l-industrija ċirkolari kompetittivi b'bażi bijoloġika fl-EU 29. L-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika hija ffinanzjata mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 u topera skont ir-regoli ta' Orizzont Ewropa għall-2021-2031.

⁽³²⁾ L-għan tas-Sħubija Processes4Planet (P4Planet) huwa li tittrasforma l-industrija tal-ipproċessar tal-UE sabiex jinkisbu ċ-ċirkolarità u n-newtralità klimatika ġenerali fil-livell tal-UE sal-2050 filwaqt li tissaħħaħ ukoll il-kompetittività globali tagħhom. P4Planet hija sħubija pubblika-privata stabbilita bejn A.SPIRE (bħala l-entità privata) u l-Kummissjoni fil-kuntest tar-Raggruppament 4 (Diġitali, Industrija u Spazju) ta' Orizzont Ewropa. <https://www.aspire2050.eu/p4planet/about-p4planet>.

⁽³³⁾ Materjali Innovattivi għall-Ewropa (IAM4EU), Sħubija Pubblika-Privata (PPP, Public-Private Partnership) skont Orizzont Ewropa għall-2025-2027, bl-għan li tissaħħaħ l-innovazzjoni ta' materjali avvanzati, li jkopru l-produzzjoni, il-proċessi u s-sostenibbiltà.

Il-Kummissjoni se tniedi *Pjattaforma Komuni tad-Data dwar is-Sustanzi Kimiċi* bħala parti mill-inizjattiva Sustanza Waħda, Valutazzjoni Waħda, biex tissimplifika u tagħmel l-aċċess għad-data dwar is-sustanzi kimiċi aktar trasparenti.

L-Att dwar il-Materjali Avvanzati li jmiss li għandu jiġi adottat fl-2026 se jstimula u jippremja wkoll l-innovazzjoni fis-settur tas-sustanzi kimiċi. Il-materjali avvanzati jwasslu s-soluzzjonijiet innovattivi għal industrija aktar effiċjenti, sostenibbli u kompetittiva. Il-Kummissjoni se tressaq Att dwar il-Materjali Avvanzati li jstabbilixxi qafas komprensiv biex jappoġġa l-katina tal-valur sħiħa mir-riċerka u l-iżvilupp u l-istart-ups sal-produzzjoni u t-tnedija u jstimula u jippremja l-innovazzjoni fis-settur tas-sustanzi kimiċi.

Valutazzjonijiet aġġornati dwar is-sigurtà kimika

L-innovazzjoni tiżvolġi wkoll rwol kruċjali fl-avvanz tas-sigurtà kimika billi ttejjeb il-ġestjoni tar-riskju tas-sustanzi kimiċi u tappoġġa l-iżvilupp ta' sustanzi kimiċi aktar sikuri. It-tisħiħ tal-kollaborazzjoni tul il-katina tal-valur tas-sustanzi kimiċi huwa essenzjali wkoll biex tiġi stimolata l-innovazzjoni fil-valutazzjoni dwar ir-riskji tas-sustanzi kimiċi. Is-Sħubija għall-Valutazzjoni tar-Riskju mis-Sustanzi Kimiċi (PARC, Partnership for the Assessment of Risks from Chemicals) hija l-inizjattiva ewlenija tal-UE f'dan il-qasam. Din tlaqqa' flimkien il-ministeri, l-aġenziji nazzjonali tas-saħħa pubblika u tal-valutazzjoni tar-riskju, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u l-akkademja.

Metodoloġiji b'Approċċ Ġdid (NAMs, New Approach Methodologies) jew approċċi ta' ttestjar li ma jinvolvux l-annimali joffru għodod moderni bbażati fuq ix-xjenza biex jipprovdu informazzjoni għall-valutazzjoni tar-riskju tas-sustanzi kimiċi. Dawn huma kruċjali biex jiġu aċċellerati l-valutazzjonijiet tar-riskju u jingħalqu l-lakuni fl-informazzjoni u huma għodod kosteffiċjenti. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem biex timmodernizza l-ittestjar tas-sustanzi kimiċi u taċċellera it-tranżizzjoni lejn approċċi li ma jinvolvux l-annimali. Bħala parti mill-inizjattiva Sustanza Waħda, Valutazzjoni Waħda, il-Kummissjoni se tniedi Pjattaforma Komuni tad-Data dwar is-Sustanzi Kimiċi biex ittejjeb l-aċċess għad-data dwar is-sustanzi kimiċi. B'mod parallel, il-Kummissjoni se tippreżenta pjan direzzjonali biex jitneħħa b'mod gradwali l-ittestjar fuq l-annimali għall-valutazzjonijiet tas-sigurtà kimika sal-2026. Se taħdem mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati biex tippromwovi metodi alternattivi, tevita ttestjar bla bżonn u tnaqqas il-kostijiet tal-ittestjar. Il-pjan direzzjonali se jiddeskrivi l-ħtiġijiet għall-iżvilupp u l-validazzjoni tal-metodu ta' ttestjar għal metodi li ma jinvolvux l-annimali, f'konformità mat-talba magħmula mill-Kunsill.

Il-Kummissjoni se:

- Taċċellera u tespandi l-innovazzjoni kimika bl-użu ta' Hubs volontarji tal-UE għall-Innovazzjoni fis-Sustanzi Kimiċi (l-ewwel trimestru tal-2026).
- Tipproponi Att dwar il-Materjali Avvanzati biex tistimula u tippremja l-innovazzjoni fis-settur tas-sustanzi kimiċi (ir-raba' trimestru tal-2026).
- Tniedi Pjattaforma Komuni tad-Data għas-Sustanzi Kimiċi kif stabbilit skont il-pakkett Sustanza Waħda, Valutazzjoni Waħda.
- Tippreżenta pjan direzzjonali għall-eliminazzjoni gradwali tal-ittestjar fuq l-annimali (l-ewwel trimestru tal-2026).

5. IS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-QAFAS REGOLATORJU

Is-simplifikazzjoni tinsab fil-qalba tal-aġenda regolatorja tal-Kummissjoni, b'mira ċara li l-piż amministrattiv għan-negozji jitnaqqas b'25 % u għall-SMEs b'35 % sa tmiem il-mandat ta' din il-Kummissjoni.

5.1. “Omnibuses ta' simplifikazzjoni”

Sa issa, il-Kummissjoni adottat ħames “pakketti ta' simplifikazzjoni Omnibus” fl-2025 biex tissimplifika r-regoli u tnaqqas il-piż amministrattiv għall-industrija tal-UE. Xi wħud minn dawn il-proposti, b'mod partikolari dawk li jinsabu fl-“ewwel omnibus ta' simplifikazzjoni” tas-26 ta' Frar 2025, huma direttament rilevanti għall-industrija tas-sustanzi kimiċi tal-UE³⁴. Il-“ħames omnibus ta' simplifikazzjoni” tas-17 ta' Ġunju 2025 jindirizza aspetti tad-difiża u jsaħħaħ il-possibbiltà għall-Istati Membri li jeżentaw is-sustanzi kimiċi, waħedhom, f'taħlita jew f'oġġett, fejn dan ikun neċessarju fl-interessi tad-difiża.

Fil-jum ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni, il-Kummissjoni tipproponi, bħala l-ewwel pass, “is-sitt omnibus ta' simplifikazzjoni” li jiffoka speċifikament fuq is-sustanzi kimiċi tal-UE u l-leġiżlazzjoni relatata: ir-Regolament dwar il-Klassifikazzjoni, l-Ittikketta u l-Imballaġġ³⁵ (CLP, Classification, Labelling and Packaging), ir-Regolament dwar il-Prodotti Fertilizzanti³⁶ u r-Regolament dwar il-Prodotti Kożmetiċi³⁷. Il-proposta tissimplifika regoli differenti fl-acquis dwar is-sustanzi kimiċi filwaqt li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent. Pereżempju, il-proposta tirrevedi d-dispożizzjonijiet dwar id-daqsijiet obligatorji tat-tipa u l-ispazju bejn il-linji għat-tikkettar ta' sustanzi kimiċi ta' riskju skont is-CLP, biex jiġi żgurat li l-kumpaniji tas-sustanzi kimiċi jkunu jistgħu jikkomunikaw b'mod effettiv l-informazzjoni dwar is-sustanzi u t-taħlitiet. Din il-proposta se twassal għal iffrankar stmat ta' mill-inqas EUR 363 miljun fis-sena għall-industrija tas-sustanzi kimiċi.

Lil hinn mill-omnibus ta' simplifikazzjoni tal-lum, il-Kummissjoni se tkompli tissimplifika l-leġiżlazzjoni tal-UE rilevanti għall-industrija tas-sustanzi kimiċi tal-UE. Fir-raba' trimestru tal-2025, il-Kummissjoni se tadotta proposta omnibus oħra li għandha l-għan li tnaqqas il-piż amministrattiv fil-leġiżlazzjoni ambjentali, li se tkun rilevanti wkoll għall-industrija tas-sustanzi kimiċi tal-UE.

Barra minn hekk, sa tmiem is-sena, il-Kummissjoni se tressaq omnibus ta' simplifikazzjoni li jiffaċilita l-kontroll bijoloġiku fil-biedja. Xi aspetti, bħall-aċċess iffaċilitat għas-suq għall-bijopestiċidi, se jkunu rilevanti wkoll għall-industrija tas-sustanzi kimiċi.

Tassonomija

(³⁴) Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2006/43/KE, 2013/34/UE, (UE) 2022/2464 u (UE) 2024/1760 fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti ta' rapportar u ta' diliġenza dovuta korporattivi dwar is-sostenibbiltà, COM(2025)81 final.

(³⁵) Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1.

(³⁶) Ir-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti fertilizzanti tal-UE, ĠU L 170, 25.6.2019, p. 1.

(³⁷) Ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prodotti kożmetiċi (tfassil mill-ġdid), ĠU L 342, 22.12.2009, p. 59.

Bħala parti mill-implimentazzjoni tal-“ewwel omnibus ta’ simplifikazzjoni”, il-Kummissjoni dalwaqt se tadotta kriterji riveduti tal-prinċipju “La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti” (DNSH, Do No Significant Harm) għall-prevenzjoni u għall-kontroll tat-tniġġis skont it-Tassonomija għal investimenti sostenibbli. B’mod speċifiku, se tiċċara u tillimita l-kamp ta’ applikazzjoni tal-Appendiċi C tal-Atti Delegati dwar it-Tassonomija tal-Klima u tal-Ambjent^{38 39} f’termini ta’ sustanzi koperti. Dan se jnaqqas b’mod sinifikanti l-piż biex jintwera l-allinjament mat-Tassonomija u jiffaċilita l-aċċess għal finanzjament sostenibbli.

5.2. Reviżjoni mmirata tar-Regolament REACH

Ir-Regolament dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta’ Sustanzi Kimiċi (REACH)⁴⁰ huwa l-leġiżlazzjoni fundamentali tal-UE li tirregola s-sustanzi kimiċi. Ir-Regolament REACH ikkontribwixxa biex jiżdied l-għarfien dwar is-sustanzi kimiċi permezz tar-reġistrazzjoni u tal-evalwazzjoni, u biex jiġi indirizzat ir-riskju maħluq minn ċerti sustanzi kimiċi permezz ta’ awtorizzazzjonijiet u restrizzjonijiet. Madankollu, ċerti proċessi REACH urew li huma ta’ piż għall-kumpaniji, b’mod partikolari għall-SMEs.

Sa tmiem l-2025, il-Kummissjoni se tadotta proposta għal reviżjoni mmirata tar-Regolament REACH biex tissimplifika r-regoli u tħaffef il-proċeduri għall-industrija, filwaqt li tqis il-kompetittività, is-sikurezza, is-sigurtà u l-kunsiderazzjonijiet ta’ sostenibbiltà, filwaqt li tiżgura livell għoli ta’ protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent⁴¹.

5.3. Ir-Regolament tal-ECHA

Barra minn hekk, il-Kummissjoni qiegħda tipproponi Regolament awtonomu għall-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA, European Chemicals Agency) biex ittejjeb il-governanza tagħha u żżid is-sostenibbiltà tal-mudell ta’ finanzjament tagħha. L-għan huwa li l-ECHA tingħata s-setgħa li twettaq ir-responsabbiltajiet tagħha li qegħdin jespandu b’mod effettiv, li ssaħħaħ il-kapaċità tal-ECHA li tagħti opinjonijiet xjentifiċi f’waqthom u koerenti, u li tgħin lill-kumpaniji jippjanaw b’ċertezza akbar fl-investiment.

(³⁸) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/2486 tas-27 ta’ Ġunju 2023 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-kriterji tekniċi ta’ skrinjar għad-determinazzjoni tal-kundizzjonijiet li taħthom, attività ekonomika tikkwalifika li tikkontribwixxi sostanzjalment għall-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar u l-protezzjoni tagħhom, għat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, għall-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis, jew għall-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi u għad-determinazzjoni ta’ jekk dik l-attività ekonomika tikkawżax ħsara sinifikanti għal kwalunkwe wieħed mill-oġettivi ambjentali l-oħrajn u li jemenda r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2178 fir-rigward ta’ divulgazzjonijiet pubbliċi speċifiċi għal daww l-attivitàjiet ekonomiċi.

(³⁹) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2139 tal-4 ta’ Ġunju 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-kriterji tekniċi ta’ skrinjar sabiex jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet li fihom attività ekonomika tikkwalifika bħala attività li tikkontribwixxi sostanzjalment għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jew għall-adattament għat-tibdil fil-klima u sabiex jiġi ddeterminat jekk dik l-attività ekonomika tikkawżax ħsara sinifikanti lil xi wieħed mill-oġettivi ambjentali l-oħra, ĠU L 442, 9.12.2021, p. 1.

(⁴⁰) Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta’ sustanzi kimiċi (REACH), ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.

(⁴¹) Ara wkoll il-Komunikazzjoni Omnibus dwar il-Prontezza tad-Difiża, COM/2025/820/final,

Is-simplifikazzjoni tal-mudell ta' finanzjament se ttejjeb l-aġilità operazzjonali tal-ECHA u se tnaqqas il-piż amministrattiv. Effiċjenza mtejjba se tippermetti wkoll lill-ECHA tipprovdi servizzi aħjar lin-negozji, b'mod partikolari lill-SMEs, u b'hekk tnaqqas il-kostijiet tal-konformità tagħhom.

5.4. L-għoti ta' ċarezza dwar is-Sustanzi Perfluoroalkilati u Polifluoroalkilati (PFAS, Perfluoroalkyl and Polyfluoroalkyl Substances)

Il-valutazzjoni xjentifika tar-restrizzjoni Universali tal-PFAS⁴² mill-kumitati tal-ECHA għadha għaddeja u hija skedata li tintemm fl-2026. Il-Kummissjoni hija impenjata li tippreżenta proposta malajr kemm jista' jkun wara li tirċievi l-opinjoni tal-ECHA, bl-oġettiv ġenerali li jiġu minimizzati l-emissjonijiet tal-PFAS.

Il-Kummissjoni se tikkunsidra l-projbizzjoni tal-PFAS fl-użi mill-konsumatur bħall-kożmetiċi, il-materjali li jiġu f'kontatt mal-ikel u l-ħwejjeġ ta' barra. Meta ma jkunux disponibbli alternattivi adegwati f'termini ta' prestazzjoni u sikurezza, l-użu kontinwu tal-PFAS f'applikazzjonijiet industrijali jista' jkun permess għal applikazzjonijiet kritiċi, bħas-saħħa, id-difiża, is-semikondutturi, u setturi strateġiċi oħra⁴³, taħt kundizzjonijiet stretti sakemm jinstabu sostituti aċċettabbli. Id-derogi għall-użi jeħtieġ li jkunu akkumpanjati minn rekwiżiti biex jitnaqqsu l-emissjonijiet fl-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja biex jiġi limitat ir-rilaxx ta' sustanzi niġġiesa fl-ambjent u minn inċentivi ċari għall-innovazzjoni.

Il-Kummissjoni se tappoġġa l-isforzi tal-industrija lejn il-mitigazzjoni u r-rimedju, biex tikseb aktar reżiljenza tal-ilma, issaħħaħ is-saħħa tal-Oċeani⁴⁴ u tindirizza t-tniġġis tal-ilma, tal-ħamrija u tal-arja.

Sabiex tappoġġa t-tranżizzjoni lil hinn mill-PFAS, il-Kummissjoni qiegħda ssegwi strateġija komprensiva li tgħaqqad ir-regolamentazzjoni ma' miżuri oħra. Dawn se jinkludu investiment immirat fir-riċerka, l-innovazzjoni għal alternattivi sikuri u sostenibbli, u koordinazzjoni msaħħa bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri, networks ta' esperti għall-kondiviżjoni tal-għarfien u s-soluzzjonijiet. Il-Hubs tal-Innovazzjoni tal-UE se jagħtu prijorità lill-azzjoni biex jinstabu alternattivi sikuri u sostenibbli għall-PFAS.

Il-Kummissjoni se tippromwovi bidla mill-PFAS lejn alternattivi aktar sikuri⁴⁵. L-UE jeħtiġilha tagħmel sforzi deċiżivi biex tnaddaf siti li diġà huma mniġġsa ħafna minn sustanzi bħal dawn. It-tindif għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, bi flus pubbliċi allokat għat-tindif ta' siti orfni, fejn ma tkun tista' tinstab l-ebda entità responsabbli. Għalkemm l-isforzi ta' rimedju jiswew ħafna flus, ir-riċerka u l-innovazzjoni

(⁴²) F'Jannar 2023, ħames awtoritajiet nazzjonali (id-Danimarka, il-Ġermanja, in-Netherlands, l-Iżvezja u n-Norveġja) ippreżentaw lill-ECHA dossier ta' restrizzjonijiet għall-PFAS kollha.

(⁴³) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni - Kriterji u prinċipji ta' gwida għall-kunċett ta' użu essenzjali fil-leġiżlazzjoni tal-UE li tittratta s-sustanzi kimiċi (C/2024/2894).

(⁴⁴) Ara l-Patt Ewropew għall-Oċeani, COM/2025/281 final, p. 8.

(⁴⁵) Ara wkoll l-Istrateġija Ewropea għar-Reżiljenza tal-Ilma, COM(2025) 280 final, p. 5-6.

jistgħu jnaqqsu b'mod sinifikanti dawn il-kostijiet permezz ta' teknoloġiji ġodda, inklużi dawk b'bażi bijoloġika, li se jiġu promossi fl-Istrateġija dwar il-Bijoeconomija.

Se jiġi żviluppat qafas ġdid ta' monitoraġġ tal-PFAS madwar l-UE kollha biex jiċċentralizza l-informazzjoni, jidentifika l-hotspots tat-tniġġis, jenfasizza l-prattiki ta' rimedju ta' suċċess u jiġbor data mil-leġiżlazzjoni rilevanti. Il-Kummissjoni se tesplora kif l-aħjar ittejjeb il-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni dwar it-tniġġis u s-sostituzzjoni tal-PFAS u se tniedi djalogu li jlaqqa' flimkien lill-partijiet ikkonċernati biex tappoġġa perspettiva olistika tal-isfidi tat-tniġġis relatati mal-PFAS. Barra minn hekk, biex tindirizza t-tniġġis li ntiret, il-Kummissjoni se timmira li tistabbilixxi inizjattiva pubblika-privata biex tikseb avvanz teknoloġiku f'metodi fattibbli u affordabbli għad-detezzjoni u għar-rimedju tal-PFAS.

5.5. Saħħa u Sikurezza Okkupazzjonali

Is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali huma essenzjali mhux biss għall-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema iżda wkoll biex tingħata spinta lill-produttività, tissaħħaħ il-kompetittività u jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fl-industrija kollha. Dan iseħħ, fost l-oħrajn, permezz tal-istabbiliment ta' limiti tal-esponiment okkupazzjonali fil-livell tal-UE skont id-Direttiva dwar il-Karċinoġeni, il-Mutaġeni u s-Sustanzi Reprotossiċi (CMRD, Carcinogens, Mutagens and Reprotoxic Substances Directive)⁴⁶ u skont id-Direttiva dwar l-Aġenti Kimiċi⁴⁷.

Il-Kummissjoni se:

- Tadotta proposta Omnibus għall-Industrija tas-Sustanzi Kimiċi (it-tielet trimestru tal-2025).
- Temenda l-kriterji tal-prinċipju “La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti” għall-prevenzjoni u għall-kontroll tat-tniġġis skont ir-regolament dwar it-Tassonomija (it-tielet trimestru tal-2025).
- Tadotta proposta għal reviżjoni mmirata ta' REACH (ir-raba' trimestru tal-2025).
- Tadotta proposta għar-Regolament Bażiku tal-ECHA (it-tielet trimestru tal-2025).
- Tadotta omnibus ta' simplifikazzjoni dwar il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u taċċellera l-aċċess għas-suq għall-bijopestiċidi (ir-raba' trimestru tal-2025).
- Tadotta proposta biex jitnaqqas il-piż amministrattiv fil-leġiżlazzjoni ambjentali (Omnibus Ambjentali) (ir-raba' trimestru tal-2025).
- Tipproponi restrizzjoni tal-PFAS skont ir-Regolament REACH abbażi tal-opinjoni tal-ECHA dwar id-dossier ta' restrizzjonijiet “universali” tal-PFAS.
- Tiżviluppa qafas ta' monitoraġġ tal-PFAS madwar l-UE kollha biex tiċċentralizza d-data kif ukoll tippromwovi soluzzjonijiet prattiċi u bbażati fuq ix-xjenza għal bidla sostenibbli mill-industrija tal-UE (ir-raba' trimestru tal-2026).
- Tniedi djalogu li jlaqqa' flimkien lill-partijiet ikkonċernati biex jappoġġaw perspettiva olistika tal-isfidi relatati mat-tniġġis mill-PFAS (it-tieni trimestru tal-2026).

⁽⁴⁶⁾ Id-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol (Sitt Direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE), ĠU L 158, 30.4.2004.

⁽⁴⁷⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE tas-7 ta' April 1998 dwar il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema mir-riskji li għandhom x'jaqsmu mal-aġenti kimiċi fuq il-post tax-xogħol (l-erbatax-il Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE), ĠU L 131, 5.5.1998, p. 11.

6. KONKLUŻJONI

L-implimentazzjoni b'suċċess ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni se tirrikjedi sforz konġunt mill-partijiet ikkonċernati kollha, inklużi l-Istituzzjonijiet Ewropej, l-Istati Membri, l-industrija u s-soċjetà ċivili. Se jkun essenzjali li naħdmu flimkien biex noħolqu ambjent tan-negozju favorevoli, nipromwovu l-investiment fid-dekarbonizzazzjoni u fl-innovazzjoni, innaqqsu d-dipendenzi tas-settur, u nipprovdu aċċess għar-riżorsi neċessarji għat-tranżizzjoni lejn futur aktar kompetittiv u sostenibbli.

Il-Kummissjoni hija impenjata li taħdem mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati kollha biex tiżgura li dan il-Pjan ta' Azzjoni jiġi implimentat b'mod effettiv u li l-oġettivi tiegħu jintlaħqu. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni se żżomm djalogu mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati, timmonitorja r-riżultati ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni u se tiżgura t-twetiq rapidu tiegħu.

B'dan il-mod, nistgħu niżguraw li l-industrija tas-sustanzi kimiċi tal-UE tkompli tiżvolġi rwol vitali fl-ekonomija u fis-soċjetà tal-UE, filwaqt li tikkontribwixxi wkoll għall-ilħuq tal-għanijiet klimatiċi u ambjentali tal-UE.
